**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 8 ta' Lulju 2002**

**Numru**

**Avviz numru 219/2002/1**

**Reno Baldacchino u Marie Louise Baldacchino**

**vs**

**Auto Sales Ltd**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' Lm1,500 (elf u hames mitt lira Maltin) rapprezentanti prezz mill-attur mhallas skond ftehim mas-socjeta' konvenuta sabiex jixtri karozza. Meta l-bejgh ma sarx, minhabba lis-socjeta' konvenuta damet sabiex tikkonsenja l-vettura, l-atturi talbu illi jinghataw lura l-flus li kienu hallsu, izda s-socjeta' konvenuta baqghet tirrifjuta.

Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta fejn eccepiet:

It-talba attrici hi infondata fil-fatt u fid-dritt billi mhux minnu dak allegat minnhom. Is-socjeta konvenuta qatt ma rciviet Lm1,500 (elf u hames mitt lira Maltin) minghand l-atturi kif jigi spjegat fit-trattazzjoni tal-kawza.

Sema' x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra.

Illi din il-kawza si tratta ta' att ta' negozju giornalier specjalment fil-kamp tal-vetturi – tigi miftehma gurnata ta' konsenja pero' dina b'mod regolari tigi rimandata specjalment meta l-oggett ma jkunx 'in stock'. Id-diverbju nqala ghax il-gurnata promessa baqghet tigi prorogata. Il-klijent l-odjern attur ma riedx jistenna aktar u hassar negozju, liema thassir wasal ghat-talba ghall-allegat depozitu, meritu tal-kawza.

Jigi rilevat li kieku l-affarijiet saru b'mod aktar car u lampanti bejn il-kontendenti, din il-kwistjoni ma kienetx tasal hawn. Kieku l-

procedura ta' kif isir in-negozju giet spjegata lill-attur, forsi dawn il-proceduri setghu gew evitati.

Il-Pajero ossia l-vettura tal-attur giet valutata Lm13,500 (tlettax il-elf u hames mitt lira Maltin) ossia Lm12,000 (tnax il-elf lira Maltin) mid-dealer u Lm1,500 (elf u hames mitt lira Maltin) mill-agent l-odjern konvenut. Ma giex imsejjah biex tixhed l-istess dealer li bis-sahha u l-intervent tieghu n-negozju bejn il-kontendenti seta' isehh. Effettivament dana hallas Lm12,000 (tnax il-elf lira Maltin) - dan kien l-ammont ricevut mill-attur. Id-differenza fejn qieghda?

Kif spjega r-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta, jinghata skont lil min ikun ser ihallas kontanti u dan ghal ragunijiet ovvji!! Dan l-ammont la thallas mid-dealer u wisq anqas gie ricevut mill-agenti. L-iskont kien parti minn negozju – wara kollox wiehed qed jitkellem fuq Mercedes ta' valur ta' aktar minn Lm24,500 (erba' u ghoxrin elf u hames mitt lira Maltin).

F'dan ir-rigward is-socjeta' konvenuta naqset li taghmel l-affarijiet cari lill-attur. Bi ftit aktar kjarifika u spjegazzjoni – pero' fil-mument tan-negozju u mhux fil-mument ta' meta nqala' id-disgwid din il-materja ma kienetx tasal f'dan l-istadju. L-attur haseb li d-dealer jew hallas Lm13,500 (tlettax il-elf u hames mitt lira Maltin) lil

venditur jew li d-differenza giet mizmuma minnhu stess.  Dina mhi xejn hlief prassi tan-negozju.  Li jigri huwa  li jintuzaw ‘standard form’ jew contracts li ma jaghtux kaz tac-cirkostanzi  partikolari tan-negozju – li ma jmurx ma jsehhx!

It-Tribunal ma jistax jikkompendi kif negozju ta’ Lm25,000 (hamsa u ghoxrin elf lira Maltin) isir u/jew jigi redatt b’dan il-mod hekk legger, senza spjegazzjoni ta’ konsegwenzi u/jew ezitu fl-eventwali ta’ xi nuqqas.

It-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi filwaqt li jilqa l-eccezzjoni tal-konvenut, jichad it-talbiet attrici, u in vista tac-cirkostanzi specjali tal-kaz l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**